# 29 NIĊĊA TA' SAN ĠORĠ
# FIT-TOROQ TA' ĦAL QORMI

*Studju mitkub mill-Kan. Dun Ġwakkin Schembri B.A., Lic.D., L.S.S.*

**B'kollox 236 niċċa**
Minn tarf għal ieħor ta' Ħal Qormi, minn ġo qiegħ il-Bonċ sa truf l-Istabal, m'hawnx niċċa u tnejn! Hawn, illum, fuq 230 waħda! U dari kien hawn wisq iżjed. Ħafna minnhom iż–żmien qeridhom. Ġie li baqgħalna n-niċċa biss mingħajr l-istatwa li kien hemm fiha. U mat-twaqqigħ ta' bini qadim għebu mit-toroq...qaddisin u niċeċ.


13, Triq San Bastjan: Indulġ. 10.1.1923

**Għalfejn in-niċeċ?**
X'taħseb li kellhom f'moħħhom missirijietna meta, fil-faċċata ta' djarhom, waslu biex qiegħdu dawk in-niċeċ kollha b'dawn il-mijiet ta' qaddisin? Min għal raġuni, min għal oħra, dawk ta' qabilna jidhru li l-wens tan-niċċa bil-qaddis kienu jfittxuh, kienu jriduh, kienu jħobbuh.

**B'wegħda u b'radd il-ħajr**
Xi wħud minn dawn l-istatwi saru b'wegħda jew b'radd il-ħajr. L-istatwa artistika ta' San Ġorġ li tinsab f'nofs il-faċċata maestuża tal-Knisja l-Kbira tagħna saret (fl-1867) b'wegħda wara l-kolera kiefra tas-sena 1865 meta b'dik il-marda f'Ħal Qormi mietu 258 ruħ (Arkivju tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Reġistru tal-Mejtin 1861-1876).

**B'isem is-sid jew il-fratellanza jew il-qaddis titulari**

Sid id-dar ġieli kien jagħżel li mal-faċċata tal-bini tiegħu jqiegħed niċċa bi statwa ta' dak il-qaddis li hu jġib ismu. Xi drabi, meta hu fratell, isemmi d-dar għal tar-Ružarju jew San Ġużepp jew San Mikiel jew... Tassew li fratellanza ta' San Ġorġ m'għandniex, iżda dan il-Megalomartri hu l-Qaddis Titulari li hawnhekk hu l-mimmi ta' għajnejn kulħadd! U għalih huma msemmija wħud minn djarna, inkella ssibilhom niċċa b'San Ġorġ bħal tal-Knisja (22), jew b'San Ġorġ t'Għawdex (3), jew frontispizju b'San Ġorġ fuq iż–Żiemel (4).




387, Triq il-Kbira: fil-frontispizju



Fin-niċċa tal-Bon Kunsill: il-Ħandaq: Marco Montebello, 1932

**L-iżjed popolari**

L-akbar fil-għadd huma n-niċeċ u statwi tal-Kunċizzjoni (32 waħda), ta' San Ġużepp (31 waħda), u ta' San Ġorg (29 waħda). U kieku kellek tiġbor flimkien ix-xbihat kollha tal-Madonna, taħt il-varjeta' ta' titli sbieħ li għandha, kif insibuhom iżejnu n-niċeċ tat-toroq ta' Ħal-Qormi kollu, dawn ilaħħqu...taf kemm? Iva, tal-Madonna jlaħħqu...mija! Li wara l-Madonna jirbaħ San Ġużepp hi ħaġa li nifhmuha lkoll; u li warajh imbagħad jiġi San Ġorġ ikompli jfehemna li l-Qormin, imqar jekk "Sa nofs inhar irġiel", kellhom minn dejjem ġo fihom is-sens tal-proporzjon u skala ta' valuri.

**Min ħadimhom**

Dawn in-niċeċ u dawn l-istatwi huma xhieda tal-livell, ġieli għoli, ġieli baxx, li kienu jilħqu n-naġġara u l-iskulturi ta' dak iż-żmien. Hawn xi tletin, minn fost il-ħafna niċeċ li għandna f'din il-Belt Pinto, li għandhom stil arkitettoniku li tassew ipaxxi l-għajn ta' kull min jifhem. X'ingħidu, mbagħad, għal dawk it-tnax-il statwa monumentali (waħda ta' Ċikku u Ġlormu Fabri, oħrajn ta' Ċensu Decandia, tnejn ta' Marku Montebello) li huma t-tiżjin ta' fuq iż-zuntier u f'nofs l-imsieraħ ta' Ħal Qormi, fosthom dik ta' San Ġorġ qrib dik ta' San Bastjan?!

**Tiżjin għan-niċeċ**

Ġieli n-niċċa tinzerta f'xi kantuniera, u jkun fiha daqqa t'għajn tassew sabiħa. Ħaġ'oħra wkoll: ftit huma n-niċeċ li fil-quċċata ma nsibulhomx salib, biex ifakkruna li l-Megalomartri San Ġorġ u qaddisin oħrajn bħalu kisbu r-rebħ bis-saħħa tas-Salib. Ħafna min-niċeċ issibilhom fanal quddiemhom, li llum jinxtegħel bl-elettriku, iżda dari bil-pitrolju, biex jikser id-dlam ċappa li kien ikun hawn bil-lejl. F'jum ta' festa, l-aktar nhar il-Festa tar-Raħal, kemm kienu jinxtegħlu sbieħ, nistħajjel, uħud min-niċeċ, imdawrin bit-tazzi taż-żejt ikkuluriti! U kienet id-drawwa li l-irġiel, huma u għaddejjin, jaqilgħu minn rashom il-beritta u jerġgħu jxidduha, biex isellmu lill-qaddis u jlissnu xi talba. Jispikka f'moħħi, għax jispikka fl-iskrizzjoni ta' taħt uħud min-niċeċ tagħna, isem l-Isqof Qormi Carmelo Scicluna li mitt sena ilu ħarġilhom l-Indulġenza. Eqreb lejna, taħt tliet niċeċ ta' San Ġorġ, l-Indulġenza ħariġha l-Isqof Dom Mawru Caruana xi sebgħin sena ilu. Iġġib ukoll isem l-Isqof Caruana, bid-data tal-5 ta' Ġunju 1923, l-Indulġenza mogħtija lill-istatwa l-kbira, skolpita fl-1870, ta' San Ġorġ li hemm fil-wesgħa tan-naħa ta' fuq, ġo Triq San Bastjan.



**Triq San Bastjan: 1870: Indulġ. 5.6.1923**

**San Ġorġ dejjem ħarisna!**
Lil San Ġorġ u lil kull Qaddis jew Qaddisa nixtiquhom li huma mit-tieni sular ta' djarna inkella mill-frontispizju li miegħu jistrieħ l-arblu fuq il-bejt, iva, nixtiquhom (intenni) jibqgħu jħarsu għal fuq it-triq u jħarsuna bla waqfien fil-mixi u fis-sewqan u f'kull tiġrib.


71, Triq il-Barrakki: ilu li sparixxa!

**Id-29 niċċa ta' San Ġorġ**
Nistaqsi: Ħabbewh missirijietna lil San Ġorġ? It-tweġiba tkun tiegħek, int u tifli din il-lista tad-29 niċċa li għandna f'ġieħu, imxerrdin maż-żewġ parroċċi ta' Belt Twelidna. Agħdirni jekk tinzerta xi indirizz ta' llum ma jaqbilx għal kollox ma' tas-sena 1978 meta jien għamilt dan it-tiftix dwar ir-Raħal u dwar Ġorġi tagħna.

| San Ġorg | Bieb | Isem it-Triq | Xi tagħrif |
|---|---|---|---|
| 1. | 10 | Triq il-Barrakki | |
| 2. | 71 | Triq il-Barrakki | Bħal San Ġorġ t'Għawdex. Iżda ilu li għeb! |
| 3. | 92 | Triq tal-Blat | |
| 4. | 18 | Triq Dun Marju | |
| 5. | 123 | Triq Dun Marju | Bl-Indulġenza ta' l-Isqof Carmelo Scicluna: 1880 |
| 6. | 132 | Triq Dun Marju | |
| 7. | - | Triq tal-Ħandaq | Fin-"Niċċa tal-Bon Kunsill." (Marco Montebello, 1932) |
| 8. | 4 | Triq il-Kanun | Bħal San Ġorġ t'Għawdex. L-irħama tneħħiet! |
| 9. | 34 | Triq il-Kardinal Sceberras | San Ġorġ fuq iż–żiemel, fil-frontispizju ta' dar |
| 10. | - | Triq il-Kbira | F'nofs il-faċċata tal-Knisja Matri ta' San Ġorġ (1867) |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. | 59 | Triq il-Kbira | San Ġorġ fuq iż–żiemel, fil-frontispizju tal-Każin tal-Banda ta' San Ġorġ |
| 12. | 70 | Triq il-Kbira | San Ġorġ fuq iż-żiemel, pittura li spiċċat |
| 13. | 149 | Triq il-Kbira | |
| 14. | 182 | Triq il-Kbira | San Ġorġ ma' San Bastjan, inkella... |
| 15. | 303 | Triq il-Kbira | Bl-Indulġenza, iżda ma tinqarax |
| 16. | 387 | Triq il-Kbira | |
| 17. | 401 | Triq il-Kbira | San Ġorġ fuq iż-żiemel, fil-frontispizju ta' dar (1938) |
| 18. | 6 | Triq il-Mitħna | Mhux komuni: xi ftit bħal ta' Għawdex. Fil-kantuniera ma' 29, Triq il-Wied |
| 19. | 13 | Sqaq Pinto Nru 1 | |
| 20. | 93 | Triq Pinto | |
| 21. | 13 | Triq San Bastjan | Bl-Indulġenza ta' l-Isqof Mauro Caruana: 10.1.1923 |
| 22. | Statwa Monumentali | Triq San Bastjan | (1870) Bl-Indulġenza ta' l-Isqof Mauro Caruana: 5.6.1923 |
| 23. | 63 | Pjazza San Franġisk | |
| 24. | 50 | Triq San Rafel | Bl-Indulġenza ta' l-Isqof Gaetano Pace Forno: 18.6.1870 |
| 25. | 3 | Sqaq S. Katarina Nru 2 | Bl-Indulġenza ta' l-Isqof Mauro Caruana: 2.3.1932 |
| 26. | 197 | Triq Santa Katarina | Bl-Indulġenza ta' l-Isqof Mauro Caruana: 31.5.1933 |
| 27. | 44 | Triq Valletta | |
| 28. | 94 | Triq il-Vitorja | |
| 29. | 102 | Triq il-Vitorja | San Ġorġ fuq iż-żiemel, fil-frontispizju ta' dar (1936) |
| żieda | 56 | Triq Anici | San Ġorġ fuq iż-żiemel, fil-frontispizju ta' dar (1989) |